Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 386 / 2016

Il-Pulizja

( Spettur Jurgen Vella )

Vs

Melvin Pace

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Melvin Pace detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 280686 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-13 ta' Marzu 2009 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00 hrs) fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f' dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u

meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhux impjegata fil-habs, il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f' xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond skond l-Att jew garr jew pprova jgorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat, illum Imhallef Dr. L. Quintano LL.D. ai termini tal-Kap. 446, Artikolu 22;

4. U aktar talli sar recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02, l-Artikoli 31, 33 A, 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fuq ammissjoni, sabithu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u qed ikkundannatu fir-rigward tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta trattat mal-hati dwar il-ksur tal-liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, tat-13 ta' Marzu 2009 u dan billi trattat mieghu dwar l-imputazzjoni li dwarha kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dik l-imputazzjoni u filwaqt li ghal kull buon fini ikkonfermat l-htija fir-rigward tal-istess imputazzjoni mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02 u l-Artikoli 17 (b) u 37 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-piena ta' xahar prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, tmienja u

sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€ 368.64), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Reno Borg, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€ 320.20) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella, ammontanti ghas-somma ta' tnejn u tletin Euro u sittin centezmu (€ 32.60). B' kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' seba' mija, wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€ 721.44), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mill-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Melvin Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u cioe` dik moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-8 ta' Lulju 2016 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba` akkuza, tikkonfermaha wkoll f' dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuza, izzomm ferm dik il-parti fejn l-appellant gie ordnat ihallas l-ispejjez ammontanti ghal seba` mija, wiehed u ghoxrin Ewro, erbgha u erbghin centezmu (EUR 721.44), timmodifikaha f' dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu kumplessiv ta' sitt xhur prigunerija u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

Illi mill-ewwel jinghad illi kif inghad ben tajjeb fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-esponent irregistra l-ammissjoni fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba` akkuzi u effettivament gie lliberat mit-tiene akkuza u ghalhekk, filwaqt illi l-ammissjoni tieghu tibqa` inkondizzjonata fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi, l-esponent ser jillimita ruhu biss ghal sottomisjonijiet fir-rigward tal-piena erogata.

Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi fic-cirkostanzi tal-kaz, minkejja li entro l-parametri stabbiliti, il-piena erogata kienet wahda xi ftit jew wisq eccessiva.

Illi preliminarjament jehtieg jinghad illi l-kaz in dezamina jirrisali ghas-sena 2009, ormai ben seba` snin ilu, u li l-pern tal-akkuzi jirrigwardaw 0.139g sustanza li sussegwentement irrizulta li kienet herojina – u dana wara li l-akkuzi odjerni gew ipprezentati xejn anqas minn tlett snin wara, f'Dicemrbu tas-sena 2012.

Illi sfortunatament ezami tal-fedina penali tal-appellant jitkellem wahdu dwar it-tip ta' problemi massicci li kellu jhabbat wiccu maghhom l-esponent sa minn eta` tenera hafna u fic-cirkostanzi pjetuzi li sab ruhhu fihom sa minn ckunitu, sfortunatament id-droga kienet figura dominanti fil-hajja tieghu li waslitu ghal kriminalita`.

Illi madanakollu u minkejja l-fedina penali elaborata tieghu jidher illi f' dawn l-ahhar snin huwa kien qieghed jaghmel hiltu kolla sabiex issa jhalli warajh dak kollu li tant taqqallu l-izvilupp normali tal-hajja tieghu.

Illi oltre dan, l-appellant ma ghandu l-ebda kawza ohra pendenti u li

ghaldaqstant il-piena f' din il-kawza partikolari, tenut kont tal-fatt li l-proceduri iddelungaw ghal ragunijiet li mhumiex imputabbli lill-esponent, wara wkoll li l-esponent tressaq sahansitra tlett snin wara l-kummissjoni tar- reati in dezamina, il-Qorti certament tista` tikkonsidra riforma fil-piena erogata ghal wahda li tkun eqreb tal-minimu permess mill-ligi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u r-raba` akkuzi, jew li sahansitra tkun anqas minn dik preskritta hekk kif permess mil-ligi, u cioe`, wahda li tkompli tinkoraggixxi l-izvilupp li minn jeddu qieghed jaghmel l-appellant.

Illi fir-rigward tat-titlet akkuza l-esponent jilmenta wkoll mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ghazlet li kellha tittratta l-ksur tal-liberta` kondizzjonata moghtija mill-Magistrat Lawrence Quintano nhar it-13 ta' Marzu 2009 billi titratta mal-imputat dwar l-akkuzi f'dawk il-proceduri u tikkundannah ghal piena ta' xahar prigunerija.

Illi bid-dovut rispett jinghad illi din il-konverzjoni mhijiex wahda tassativa u ghalhekk, tenut kont it-totalita` tac-cirkostanzi, partikolarment il-fatt illi l-esponent dejjem attenda regolarment ghall-udjenzi tal-Qorti minghajr ma ddelunga l-proceduri inutilment, il-fatt ukoll li l-proceduri hadu xejn anqas minn erba` snin u li tressaq ben tlett snin wara l-kummissjoni tar-reati, zmien li jekk ma serva ghal xejn, ghen lill-appellant sabiex jirriforma ruhu, ma kien hemm assolutament xejn xi jzomm lill-Ewwel Qorti milli testendi l-liberta kondizzjonata moghtija f' dawk il-proceduri jew timponi piena pekunarja fil-konfront tal-istess.

Illi dan kollu jinghad fl-isfond tal-principja bazilari li jiddetta li l-pieni erogati jkunu moghtija b' kuxjenza shiha tac-cirkostanzi prezenti ta' persuna imputata f' ambitu reparatorju aktar milli dak retributorju, sitwazzjoni ferm aktar produttiva kemm ghall-appellant, u aktar minn hekk

ghas-socjeta`.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellanti gie misjub hati u cioe' l-pussess tad-droga erojina gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kienet wahda eccessiva. Dan ghaliex l-appellanti irregistra ammissjoni ghall-akkuzi li dwarhom instabet htija, l-ammont ta' droga li instabet fil-pussess tieghu kienet ta' 0.139 gramma biss u il-kaz jirrisali ghas-sena 2009 fejn l-akkuzi fil-konfront tieghu gew imressqa biss fl-2012. Illi l-appellanti jishaq ghalhekk illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-piena fil-minimu taghha jekk mhux addirittura illi bis-setgha moghtija lilha bil-ligi tapplika piena inqas mill-minimu preskritt. B'referenza ghat-tielet imputazzjoni l-appellanti jidhirlu illi l-Ewwel Qorti setghet taghti piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija meta giet biex titratta mieghu dwar il-ksur tal-liberta kundizzjonata moghtija lilu permezz ta' sentenza tat-13 ta' Marzu 2009.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad**

**range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Illi l-piena stabbilita ghar-reat tal-pussess ta' droga gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin hija wahda tassattiva ta' prigunerija u dan b'applikazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 33A tal-Kap.9 meta l-ligi tipprekludi l-applikazzjoni kemm ta'l-artikolu 21 u ta'l-artikolu 28A kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal reati bhal dawn. Mhux biss izda l-istess artikolu tal-ligi jiddisponi illi il-piena ghar-reat

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

meta kommess minn priginier ghandha tizdied minn grad sa tnejn. Il-Qorti tista' tieqaf hawn ghaliex l-argumenti kollha sollevati mill-appellanti fil-lanjanzi tieghu mal-ewwel jikkrollaw. Illi l-piena minima stabbilita ghal pussess tad-droga hija ta' minimu ta' tlett xhur prigunerija jew tal-multa ta' mhux inqas minn €465.87. Issa billi il-piena kellha tizdied minn grad sa tnejn, dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sew fil-parametri tal-ligi. L-Ewwel Qorti ghalhekk ghalkemm qieset ic-cirkostanzi kollha imsemmija mill-appellanti madanakollu kellha idha marbuta billi ghall-appellanti, li instab fil-pussess tad-droga meta huwa kien detenut il-habs, awtomatikament japplika id-dispost ta'l-artikolu 33A hawn fuq indikat. Fil-fatt mill-atti probatorji u kif tistqarr l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata huwa inkontestat illi l-appellanti inqabad *in flagrante* mill-Ufficjali tal-Habs waqt li kellu id-droga f'idejh fic-cella tieghu. Kwindi din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li tista' iggieghla titbieghed mill-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti teroga il-piena ta' hames xhur prigunerija u xahar iehor prigunerija meta itrattat mieghu ghal ksur tal-liberta kudnizjonata li kien igawdi minnha l-appellanti permezz tas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2009. Anzi tazzarda tghid illi l-Ewwel Qorti kienet piuttost miti mieghu tenut kont tal-fedina penali piuttost voluminuza tieghu meta ghadu f'eta relattivament zghir.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur